MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2003

Appell Kriminali Numru. 149/2003

Il-Pulizija
(Spettur David Saliba)
(Spettur Joseph Agius)
Vs

Charles Mangion
Charlot Aquilina

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Charles Mangion w persuna ohra quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :
1) fit-12 ta' Mejju 2001 wara nofs in-nhar ghall-habta ta' 3.00 p.m. gewwa Zejtun ikkometta serq ta' somma flus ta' aktar minn LM100 izda anqas minn LM1000 minn gewwa "Shameria Mini Market" li huwa sitwat fi Triq Hector Dalli, Zejtun, ghad dannu ta' Morris Sultana, liema serq huwa aggravat bil-mezz u valur;

2) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa liema oggetti gew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghom jew imexxihom;
3) talli fl-istess data, hin u cirkostanzi kkaguna hsara jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, fl-imsemmi Mini Market, liema hsara ma tiskorriex is-somma ta' LM50;
4) talli huwa jinsab ricediv b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhasra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Lulju, 2003 li biha, wara li rat l-Artikoli 17b, 20, 49, 50, 261(b), 261(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279, 280, 325(1)(c), u 533, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Charles Mangion hati tal-imputazzjonijiet kollha, hlief ghat-tieni imputazzjoni, dik ta' ricettazzjoni, peress illi una volta rrizulta s-serq, ma setghax irrizulta ukoll ir-reat ta' ricettazzjoni w ikkundannatu ghall-prigunerija ta' sentejn, u ordnat lill-imputat sabiex fi zmien xahar ihallas nofs l-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant Charles Mangion minnu pprezentat fit-28 ta' Lulju 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' htija ta' serq aggravat bil-mezz u valur, u li kkaguna hsara fil-Mini Market liema hsara ma tiskorriex is-somma ta' LM50 u fid-dikjarazzjoni ta' mhux hati ta' l-akkuza ta' ricettazzjoni, tirrevokha in kwantu kien ikkundannat piena karcerarja ghal zmien sentejn billi tissostitwixxi ghall-istess piena, piena aktar ekwa w gusta w li tkun aktar addattata ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat il-verbal redatt fl-udjenza tal-25 ta' Settembru, 2003 fejn il-prosekuzzjoni eccepiet in-nullita' tar-rikors tal-appell tal-appellant Charles Mangion , in vista tal-fatt li ma fihx il-

fatti fil-qosor kif tassattivament rikjest mill-Ligi w ma jirrizultax car x'inhuma r-ragunijiet tal-appell;

Semghet ix-xhieda tal-Avukat Dr. Kris Busietta li xhedt li kien cert mija fil-mija li meta kien ipprezenta r-rikors tal-appell, dan kien fih il-karti kollha w li fil-file taghhom l-appell kien kollu kemm hu hemm u li kien jinsab sorpriz kif fl-atti li kellha l-Qorti kien hemm fol wiehed minnhom nieqes.
Pero', muri l-original, ix-xhud wiegeb li toqob ta' staple wahda ghandu l-att u ma stetax jara evidenza li l-att kien gie sfilzat.

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat dwar l-eccezzjoni preliminari tan-nullita' ta' l-appell;

Illi ir-rikors tal-appell li jikkonsisti f''zewg pagni w zewg linji w li donnu jidher li mhux komplet, imkien ma' jelenka l-fatti fil-qosor u mkien ma jghid specifikatament x'inhuma l-aggravji tal-appellant "ut sic", ghalkemm mill-qari tat-tieni faccata u mit-talba wiehed forsi jista' jiddezumi li dawn x'aktarx li jirrigwardaw biss il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti . Illi minkejja l-assigurazzjoni ta' l-Avukat Difensur li meta gie pprezentat l-att dan kellu faccata ohra li ma tinsabx fil-process, din il-Qorti ma sabet ebda evidenza li l-att gie zmembrat jew li minnu tqattghat xi pagna. Di fatti toqba wahda ghandu fih fejn gie mitbuq bl-istaple w ma jidhirx li hemm tracci li juru li xi pagna tqactet il-barra minn go nofsu - fatt li kieku kien x'aktarx ihalli tracci ta' xi bicca mill-karta li tkun tqattghat. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax taccetta bhala pruvat li l-att meta gie prezentat kien differenti minn dak li hemm impagnat fil-process. Lanqas ma hu l-kaz li din il-Qorti tordna l-inserzjoni tal-faccata li tidher nieqsa f'dan l-istadju.

Ghalhekk bir-rikors tal-appell fl-istat li hu fil-process, zgur li ma gietx rispettata l-formola sagramentali w ormai sancita mill-gurisprudenza li biha l-appellant jindika l-fatt tal-kaz u jghid li qed hekk jindikahom u li biha jghid x'inhuma l-aggravji tieghu u jindikhom bhala tali .

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-appell kriminali : "Il-Pulizija vs. Joseph Galea" [30.6.1995] *, "…skond gurisprudenza kostanti , in-nuqqas ta' xi wiehed mir-rekwiziti imsemmija fl-artikolu 419 (1) tal-Kodici Kriminali hi anki sollevabbli "ex officio" mill-Qorti essendo dik id-dispozizzjoni u dawk ir-rekwiziti huma ta' ordni pubbliku . Ir-"raison d'etre tal-artikolu 419 (1) (a) (b) u ( c ) huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza u l-legislatur ried li r-rikors tal-appell ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-intimat fil-pozizzjoni li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali , min x'hiex qed jilmenta l-appellant u x'inhu jitlob . Il-vot tal-ligi ma jkunx sodisfatt jekk dawn ikunu sparpaljati l' hawn u l'hinn b'mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwhom*."

*"Hekk ukoll , meta r-ragunijiet ta' l-appell ikunu inkomprensibbli , gie ritenut li r-rikors huwa null."*

Umbaghad fl-appell kriminali "Il-Pulizija vs. George Felice" [11.10.1995] gie deciz li *:" Huwa evidenti li l-motivi indikati (tal-appell) ghandhom ikunu specifikati w konkreti u mhux semplici dikjarazzjoni ta' ideja vaga u indeterminata li tirrendi necessarja tfittxija biex il-gudikant jistabilixxi n-natura vera tal-motiv tal-appell ; ghax inkella l-motiv ma jkunx jiftiehem u ma jissodisfax l-iskop li ghalih huwa ntiz mill-ligi…u gie ritenut li "il-motivo e' specifico quando circoscrive il punto della decisione su cui e' richiamata l'attenzione del giudice al gravame , ed individua in modo, sia pure succinto , ma preciso, gli elementi di fatto e di diritto che stanno a base di una concreta censura"*

*Gie ukoll ritenut li : "Il-fatti fil-qosor ghandhom ikunu migburin f' paragrafu "ad hoc" , biex mir-rikors u minghajr in-necessita' ta' riferenza ghall-atti tal-process , ikunu jiftehmu ghall-ahjar zvilupp tar-rikors." [Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Peter Campbell – 15.10.1990].*

*"Il-fatti fil-qosor u l-motivi tal-appell huma zewg rekwiziti li ma jigux sostitwiti wiehed b' l-iehor." [App. Krim. "Il-Pulizija vs. Alfred Debono" – 23.9.1992]*

*“Bil-“fatti fil-qosor” wiehed jifhem il-fatti saljenti tal-kaz , esposti b’mod car izda konciz u b’tali mod li kemm l-intimat kif ukoll il-Qorti ikunu jistghu mill-ewwel jaqbdu x’inhuma l-fatti kif allegati mill-istess appellant . Ma jkunx sodisfatt il-vot tal-artikolu 419 (1) (a) jekk il-fatti jew ikunu sparpaljati ‘l hawn u ‘l hinn jew ikunu maghguna mall-aggravji. Bhal ma indikazzjoni tal-aggravji ma tistax issir b’semplici riferenza ghall-fatti, hekk ukoll il-fatti jridu jkunu esposti indipendentement mill-aggravji .” [App. Krim. “Pulizija vs. Martin Fenech” – 17.10.1997 (Vol. 81, (1997) IV, p. 269.]*

Fl-Appell Kriminali : “Il-Pulizija vs. Julian Bonello” [14.5.1992] gie ritenut li :-

“Ma hux il-kompitu tal-Qorti li tispigola l-fatti mill-aggravji . Il-fatti saljenti , taht piena ta’ nullita’ iridu jigu esposti mill-appellant b’mod car u komplet.”

Illi fil-kaz in ezami  r-rikors tal-appell jippekka bis-shih kontra dan ghax fil-waqt li ma jsemmi ebda fatti fil-qosor , lanqas jghid car u tond f’ hiex jikkonsisti l-aggravju tal-appellant u dana seta’ biss jigi ndovnat minn din il-Qorti . Kjarament dan imur kontra l-vot espress tal-ligi w jirrendi r-rikors tal-appell null .

Ghall dawn il-motivi din il-Qorti tilqa’ l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali w tiddikjara l-appell ta’ Charles Mangion irritu w null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------